# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum id-9 ta' Marzu 2021**

**Appell numru 433/2017**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Clare BORG**

1. Dan huwa digriet in segwitu għal talba magħmula mill-appellanta ai termini tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Permezz ta' sentenza deċiża nhar it-23 ta' Ottubru 2017, l-appellanta kienet **ġiet misjuba ħatja** mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer, fil-Marsa u fil-Gżira, u fi nħawi oħra, nhar is-Sibt 19 ta' Marzu 2016 għall-ħabta ta 02:30 u għall-ħabta ta' 04:30 f'Ta' Xbiex:

   a. F'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku tlajjat jew għamlet biex tħajjar għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. Naqset milli tobdi ordnijiet leġittimi tal-awtorita jew ta' wieħed inkarigat minn servizz pubbliku;
c. Saret reċidiva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenzi mogħtija lilha mill-Qrati Kriminali (Malta) u li saru definittivi u ma jistgħu jiġu mibdula

u wara li rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontriha ġiet kundannata għall-piena ta' tliet xhur priġunerija.

3. Kif intqal qabel Clare BORG appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata fir-rigward tal-piena inflitta billi tingħata piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi.

4. Illi matul is-seduta tat-28 ta' Novembru 2019 l-appellanta talbet lil din il-Qorti sabiex tapplika fil-konfront tagħha d-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Matul is-seduta tad-9 ta' Jannar 2020 l-Avukat Ġenerali iddikjara li ma kienx hemm impedimenti legali għal biex jiġu mistħarġa r-rekwiżiti tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta f'dan il-każ.

6. Semgħet ix-xiehda tax-xiehda mitluba mir-rikorrenta jiġifieri lil Dr. Anna Maria Vella u lil Ivan Bajada.

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar dan il-każ.

8. Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż il-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Ikkunsidrat**

9. Illi mix-xiehda ta' Dr. Anna Maria Vella, li taħdem fid-dipartiment ta' DETOX jirriżulta li r-rikorrenti kienet magħrufa għas-servizzi tagħhom sa mill-1996. Dr. Vella kienet bdiet taraha sa mill-1998 u dan baqgħet taraha minħabba l-problema tal-vizzju tal-abbuż mid-droga. Dr. Vella tgħid li mir-records tagħhom li kopja ġew ukoll eżebiti, jirriżulta li r-rikorrenti għandha problema qawwija ta' droga cannabis, tal-heroina u tal-cocaina u din il-problema għadha sal-lum. Ir-rikorrenti kienet qegħda tkun aktar regolari fl-appuntamenti tagħha, għalkemm mhux dejjem b'mod regolari. Dr. Vella saħqet li r-rikorrenti fil-preżenti kienet f'relazzjoni stabbli u kellha xogħol. Dr. Vella qalet ukoll li r-rikorrenta ma kienetx qegħda turi interess li tibdel il-mod li qed tgħix bħalissa u kienet baqgħet b'methadone maintenance fejn kienet tmur għal mistura kuljum.

10. Xehed ukoll Ivan Bajada, li jiġi s-sieħeb tar-rikorrenta. Huwa jaħdem bħala administration manager ma Alfred Baldacchino Limited u jgħid li rnexxielu jdaħħal lir-rikorrenti taħdem magħhom, fuq bażi ta' reduced hours għal xogħol li l-kumpanija jkollha bżonn, fosthom filing, tirrispondi t-telephone eċċetra. Hija ma kellhiex ħinijiet ta' xogħol fiss, taħdem tliet ijiem fil-ġimgħa jew ġieli meta jkollhom bżonnha. Meta taħdem hija tagħmel mis-sebgħa u nofs sat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar u kienet ilha taħdem hekk għal madwar seba' xhur qabel id-data ta' meta xehed fid-9 ta' Frar 2021. Jgħid li kien ilu jaf lill-appellanta għal dawn l-aħħar ħdax il-sena.

Huwa konxju mill-problema tad-droga li kellha r-rikorrenta u jgħid li daħħalha taħdem fil-kumpanija fejn jaħdem hu biex kemm jista' jkun jaqtagħha minn dik il-ħajja li kienet tgħix ta' tlajjar u abbuż mid-droga. Mill-2014 lil hawn huwa setgħa jara bidla fl-imġieba tar-rikorrenta in kwantu ma kienetx baqgħet tgħix il-ħajja ta' tlajjar. Issa kienu jgħixu ħajja normali, tmur tixtri, taħsel id-dar, tmur taħdem fejn jaħdem hu, joħorġu flimkien eċċetra. Kienet tidher aktar ferħana milli kienet qabel u huwa rnexxielu jistabbilizzaha.

11. Din il-Qorti tqis li mill-kumpless tal-provi prodotti jirriżulta li l-appellanta għad għandha ħafna fejn taħdem fuqha nnifsiha biex tinfatam kompletament mill-vizzju tal-abbuż mid-droga. Stando ma dak li xehed Ivan Bajada, li jidher li għandu interess fir-rikorrenta, hemm ir-rieda minn naħa tar-rikorrenta u kien hemm sforz sostanzjali, meta tiġi mqabbla l-ħajja tar-rikorrenta fil-preżenta ma dik passata, sabiex ir-rikorrenta tinqata' mill-vizzju tad-droga.

**Ikkunsidrat**

12. L-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi s-segwenti:-

> (1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula

f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

(2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiettas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:
(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;
(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;
(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

13. Skont l-artikolu 8, hemm żewġ kategoriji ta' reati li jkunu jistgħu jikkwalifikaw għal din il-proċedura speċjali –

A. Dawk ir-reati kommessi taħt il-Liġi li tirregola d-Droga; u

B. Ir-reati li jridu jkunu tali li ma jkunux iġorru piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija.

Dan il-każ jolqot it-tieni xenarju ċjoe fil-każ ta' reati li jridu jkunu tali li ma jkunux iġorru piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija.

14. Fiż-żewġt ipoteżi A u B hawn fuq imsemmija, l-artikolu 8 jeħtieġ ukoll li :

a. il-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) tiegħu jridu jkunu ġew sodisfatti u

b. il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', tqis li l-każ ikun jimmerita li hija tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

15. Il-kriterja imsemmija fis-subartikolu 2 tal-artikolu 8 huma dawn :-

(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;

(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;

(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

16. Din il-Qorti jidhrilha li mill-kumpless tal-provi prodotti, f'dan il-każ ir-rikors jimmerita li jiġi milqugħ u dan peress li r-rekwiżiti msemmija fl-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżultaw soddisfatti. Jirriżulta li kien hemm rabta bejn l-abbuż mid-droga u l-ħajja ta' prostituzzjoni tar-rikorrenti fiż-żmien rilevanti għal dan il-każ u qabel b'mod li dawn l-attivitajiet, f'ċerti ċirkostanzi, jistgħu jassumu relazzjoni kważi simbjotika. Ir-reat ta' tlajjar għall-fini ta' prostituzzjoni u li naqset milli tobdi l-ordnijiet ta' awtorita leġittima ma humiex xi reati esklużi mill-artikolu 8(2)(b) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

17. Inoltre, għalkemm mix-xiehda ta' Dr. Anna Maria Vella jidher li fil-bidu tal-2020 ir-rikorrenti kienet tidhet titubanti fir-rieda tagħha li tbiddel ir-rotta tagħha, mix-xiehda ta' Ivan Bajada jirriżulta li f'dawn l-aħħar xhur ir-rikorrenti wriet aktar motivazzjoni. Din il-Qorti tqis li din ix-xiehda turi li r-rikorrenti qegħda tipprova tagħmel sforz

sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga. Din il-Qorti lesta li ttiha din l-opportunita li turi kemm verament trid li teħles minn dan il-vizzju billi titqiegħed għal dawk l-ordnijiet tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

18. Imbagħad, wara kollox, jekk dak il-Bord, wara li jeżamina l-fatti jikkonsidra li r-rikorrenti mhijiex turi impenn lejn ir-riabilitazzjoni tagħha, il-Bord xorta waħda jirrakkomanda li din il-Qorti tirrevoka d-deċiżjoni tagħha sabiex tikkonverti lilha nnfisha għal Qorti dwar id-Droga u tipproċedi bil-kawża u din il-Qorti imbagħad tkompli bit-trattazzjoni ta' dan l-appell, li jitratta aggravju fuq il-piena ta' tliet xhur priġunerija erogata fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija fuq ammissjoni da' parti tar-rikorrenta.

Għaldaqstant, peress illi f'dan l-istadju l-Qorti ssib li r-rikorrenta pruvat sal-grad rikjest minnha skont il-Liġi li l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(1) u (2) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta kienu jissussistu fil-konfront tal-każ tagħha, tilqa' t-talba u tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga. Għalhekk tirreferi lil Clare BORG quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali nonche lill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Inqabdu bid-Droga.

**Aaron M. Bugeja**

**Imħallef**